MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 298/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin Ellul Bonnici)**
**(Spt. Joseph Cordina)**
**Vs**
**Gordon Pace**
**Alan Desira**
**Omissis**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli talli f' dawn il-Gżejjer matul l-1995, b' diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li ġew magħmula b' rizoluzzjoni waħda.

Lil Gordon Pace (ID 504374M) u Alan Desira (ID254270) waħedhom talli:

a) B’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’ qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b’ ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta’ ntraprizi foloz, jew ta’ krediti mmaginarju, ghamlu qliegh ta’ aktar minn Lm16,700 (sittax –il elf u seba’ mitt Liri Maltin) bi ħsara ta’ Oliver Galea u Cachia & Galea Ltd (Art. 308 ta’ Kap 9);

b) Għamlu falsifikazzjoni fi skritturi kummercjali. B’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’ dawk l-iskritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-iskritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar talli xjentement għamlu użu mill-imsemmija skritturi foloz (Art. 183 u 184 ta’ Kap 9)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-15 ta’ Gunju, 2010, li biha, sabet lil Gordon Pace mhux ħati tal-akkuzi kif miġjuba kontrih u lliberatu minnhom waqt li sabet lil Alan Desira hati u ordnat li jiġi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi żmien sena. Il-Qorti spjegat din is-sentenza lill-istess appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 ta’ Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat Alan Desira ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, filwaqt li tirrevokaha w tħassarha f’dik il-parti fejn sabet lil Gordon Pace mhux hati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom u fejn erogat il-piena fil-konfront tal-appellat Alan Desira fejn ordnat li jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi zmien sena mid-data tas-sentenza w dan ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta w minflok ghar-ragunijiet fuq premessi ssib lil Gordon Pace hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tiegħu, tinfliġġi l-piena idoneja kontra Gordon Pace skond il-Ligi ghar-reati addebitati lilu, kif

ukoll tinfliggi l-piena idoneja kontra Alan Desira skond il-ligi ghar-reati li taghhom diga' gie misjub hati, inkluz billi jittiehed in konsiderazzjoni l-addebitu tar-recidiva skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi  l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta' Alan Desira kienet imtaffija wisq tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz ukoll fid-dawl tar-recidivita' tal-istess appellat Desira, kif ukoll peress li dik il-Qorti għamlet apprezzament mhux raġonevoli tal-provi prodotti quddiemha  a karigu ta' Gordon Pace b'mod li in bażi għall-istess provi dik il-Qorti ma setghetx legalment u raġonevolment tasal għal-liberazzjoni ta' Gordon Pace kif fil-fatt għamlet.
Rat ukoll ir-risposta ta' Alan Desir għal dan ir-rikors fejn huwa ssottmetta li piena mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti m'għandhiex tinbidel leġġerment, li l-ammont ta' truffa ma tiġġustifikax bdil fil-piena għaliex minflok il-figur inidkata fl-imputazzjoni inġiebet prova ta' truffa f'ammont ferm iżgħar.  Alan Desira ma setax jagħmel ammissjoni bikrija minħabba l-ammont li bih kien akkużat.  Fl-aħħarnett ir-referenza għar-reċidiva magħmula mill-Avukat Ġenerali hija skorretta.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

L-ewwelnett din il-Qorti ma tibdilx sentenza fuq il-mertu jew dwar piena mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din tkun setgħet waslet għaliha raġonevolment u legalment.  Għalhekk sejra tindaga l-provi b'mod approfondit qabel tagħti l-ġudizzju tagħha.

Mix-xhieda tal-Ispettur Kevin Mifusd Bonici (fol 33) jirriżulta li fis-6 ta' Lulju 1995 kein għamel rapport ċertu

Oliver Galea in rappreżentanza tad-ditta Cachia and Galea Limited dwar allega frodi u approprijazzjoni indebita da parti ta’ l-imputat Gordon Pace. Oliver Galea qal li kienet inġibditlu l-attenzjoni mill-istoe keeper tad-ditta Marco Sultan dwar inkonsistenzi fid-delivery notes. Skodn l-istess Oliver Galea Gordon Pace kien qed jaħdem wara l-counter tal-ħanut jimla d-delivery notes u kien iħalli spazju bejn il-kliem number of articles u l-kelma ‘pieces’ sabeix fl-ispazju jiżdiedu z-zeros. Skodn Oliver Galea Gordon Pace kien ammettielu li kien ibagħbas fid-delivery notes. Oliver Galea għadda 4 kotba tad-dleivery notes (Dok KEB 1). Kienu ppreżentati wkoll 5 delivery notes li l-Qorti kienu mmarkati bħala dokument wieħed (Dok KEB 2). Kien hemm żewġ dleivery notes oħra (f’forma ta’ fotokopja) li kienu mmarkatat Dok KEB 3. Gordon Pace kien innega li kien involut fil-każ in eżami. Min-naħa loħra l-akkużat Alan Desira xtaq li jħallas dak li kellu jagħti.

L-Istqarrija ta’ Godron Pace

Gordon Pace innega li kien iħalli xi spazju biex jiżdiedu z-zeros. Huwa nnega wkoll li kien ħa xi flus (Lm1080) lil Oliver Galea jew li kien ammetta mas-sur Oliver Galea. (fol 43). Huwa kien iħalli l-ispazju għax dejjem kien jikteb hekk. Mistqosi jekk id-delivery notes kienu bil-kitba tiegħu huwa qal li fejn kien hemm TDK kienet il-kitba tiegħu iżda l-kwantita’ mhix tiegħu.

L-Istqarrija ta’ Alan Desira

Huwa kien mistoqsi dwar erba’ delivery notes ta’ Cachia and Galea Limited bid-dati 10.04.95, 15.06.95, 27.06.1995 u 30.06.1995. Alan Desira qal li hu kein ilu klijent ta’ Cachia and Galea għal dawn l-aħħar sitt snin. Ftit qabel April tas-sena 1995 kien sar ftehim bejnu u bejn Gordon pace. Billi l-proċedura kienet illi hu (Alan Desira) jħalals lis-salesman (Gordon Pace) u dan jagħtih delivery note sabiex imur biha l-Iostores u jiġbor it-tapes, l-idea ta’ pace kienet illi wara li Alan Desira jħallas ta’ 10 tapes u din iċ-ċifra titniżżel hekk fuq il-kopja ta-delivery note. Hu (Gordon Pace) kien iħalli l-ispazju sabeix Alan Desira jżid

iz-zeros u b’hekk Alan Desira seta’ jiġbor aktat tapes milli kienu ħallsu għalihom (fol 44).

Huwa kien ftiehem ma’ Gordon Pace biex jibgħatlu tnejn min-nies ħalli hu jagħtihom id-delivery note. Id-elivery note tingħatu lilu (Alan Desira) u hu bil-biro tal-istess ditta jew tal-istess linka – Staedler, sofor bl-iswed, wara li jżid iz-zeros kien jerġa’ jibgħat lil dawn iż-żewġ persuni għand l-istorekeeper biex jagħtihom l-ordni miżjuda. Lil dawn kien jagħtihom xi ħaġa kull wieħed. Il-qligħ li jibqa’ jinqasam 50% bejnu u bejn Gordon Pace. Dawn iż-żewġ persuni ftit kellhom x’jaqsmu. Huwa qal li xtaq li jiltaqa’ ma’ Oliver Galea u jirranġa l-affarijiet miegħu.

**Xhieda ta’ Oliver Gulia (fol 48).**

Oliver Gulai xehed li fuq id-delivery note ikunu mniżżlin isem is-salesamn li ser jixtri, il-kwantita’ u tip ta’ oġġetti, u isem is-salesman tad-ditta li jkun ser jagħmel il-bejgħ. Fid-delivery note ma jitniżżilx il-prezz. Wara li tintela’ d-delivery note mis-salesamn tagħhom, is-salesman li ser ikun ser jixtri jmur biha fl-istore u jippreżentha lill-istorekeeper. Dan jagħti l-kwantita’ indikata fuq id-delivery note. Huwa għaraf id-dokumneti Dok KEB 1, 2 u 3. Meta ntwerea d-dok KEB 2, huwa qal li wara l-kelma slaesman kien hemm il-firma ta’ Gordon Pace. Fuq id-delivery note hemm il-firem tal-istorekeeper u tal-klijent. Il-firma ta’ Gordon Pace tidher wara l-kelma salesman.

Dwar il-fotokopji (KEB3), huwa qal li ma setax isib l-oriġinali u għad-delivery note 17591 huwa esibixxa d-delivery note tas-7 t’April, 1995. Huwa esebixxa wkoll id-delivery note ikkonsenjata wkoll lis-salesman mill-klijent bin-numru 17580. Il-firma ta’ Gordon Pace tidher wara l-kelma salesman.

Imbagħad esibixxa delivery note oħra numru 13296. F’din il-kopja jidher illi bħala prodott Pioneer kif deskirtt, inħarġet biċċa waħda biss, waqt li fuq id-delivery note li kien għadu kif esibixxa (Dok OG2) jidher li ġew ikkonsenjati lil ċertu T.Magri 15-il biċċa.

Ix-xhud Oliver Galea kien spjega lil Gordon Galea li fuq id-delivery notes in kwistjoni kien hemm ismu (jiġifieri dak ta' Gordon Pace). Gordon Pace qal li kien hu li ħareġ d-delivery notes in kwistjoni. **Huwa qallu wkoll li kien irranġa ma' persuna li jismu Alan** (fol 56). Dak il-ħin ix-xhud talab lil Gordon Pace biex iġib ix-xogħol lura. Gordon Pace ċempel lil Alan minn telefon viċin tax-xhud.

Dan kien ilu jiġri madwar tliet xhur. **Gordon Pace telaq bil-patt li jġib kollox lura** (fol 56). **Mar u ġab Lm1080**. Kien staqsieh x'kien ġara mill-bqija u dan qallu li 'dawn kienu spiċċaw.' (fol 56).

Ix-xhud ma aċċettax il-flus . Il-prodotti li ttieħdu in eċċess kien prinċipalment tad-ditta TDK. In rigward tal-każ in eżami, fejn setgħu rranġaw, irranġaw. (fol 57). Huma xtaqu jirrnaġaw bil-kwiet mal-istess Gordon Pace. Kien mar ikellmu missier Gordon Pace li xtaq ukoll jirranġa bil-kwiet.

L-għada kien reġa' mar Gordon Pace flimkien ma' missieru .Huwa kien staqsieh jekk kellux xi flus oħra iżda Gordon Pace qal li ma kienx għadu rranġa. Eventwalment Gordon Pace kien qal li oltre li ma kienx waħdu, li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-istess każijiet. Eventwalment filfatt ma laħqu ebda ftehim.

Gordon Pace kien spjega s-sistema kollha. Kien jitħalla spazju fil-kolonna tad-delivery note fejn hemm imniżżel 'Quantity' bejn l-aħħar numru u l-kelma pieces. Gordon Pace, pero', ma kienx qallu jekk in-numri żejda cioe' z-zeros żejda kienx iniżżilhom hu jew inkella l-klijent. Meta x-xhud kien kellem il-Pulizija, il-każ kien dwar erba' delivery notes. Iżda wara skoprew oħrajn

Hawnhekk esibixxa elenku ta' irregular delivery notes(Dok OG 3). Kif jidher mill-istess elenku, is-somma totali tammonta għall-Lm16,700.06. (fol 59). Huma kienu mxew mal-prezz bl-ingrofgvżssa u mhux bir-retail price.

**Il-kontro-eżami kien riservat.**

**Xhieda ta' Marco Sultana.**

Xeħed ukoll Marco Sultana, storekeeper mad-ditta Cachia and Galea. Kien hemm erba' delivery notes li fuqhom kien hemm ammont qawwi ta' tapes. Fuq id-delivery note relattiva kein hemm il-firma ta' Gordon Pace. Huwa kien avża lill-imgħallem. Id-delivery notes kienu dejjem jirreferu għall-istess klijent. Huwa għaraf il-firma tiegħu fuq il-fotokopja wkoll. L-oġġetti kienu ikkonsenjati lil Renald Baldacchino jew Georpge Saliba.

**Xhieda ta' Renald Baldacchino**

Xeħed a fol 87 Renald Baldacchino. Huwa kien imur jixtri għal Alan Desira mill-ħanut fejn kien hemm Gordon Pace. Gordon Pace kien żamm Lm60 bħala flus meta mar biex iħallas (fol 89). Huwa kien jgħaddi l-karti lil Alan Desira u dan kien iżid iz-zeros fl-ispazju li kie iħallilu Gordon Pace. Iz-zeros kien żiedhom fuq il-karta li kien tah Renald Baldacchino wara li kien mar fil-ħanut. Wara li jiżdiedu z-zeros hu u George Saliba kein jmorru l-istores u jieħdu dik il-kwantita' (fol 91).

Huwa qal ukoll :

'Jien NAĦSEB li Gordon Pace kif jaf li bagħatna Alan Desira.' (fol 91)

**Xhieda ta' George Saliba.**

Lil dan il-Qorti stess qratlu l-istqarrija li kien għamel fuq il-pedana tax-xhieda. Huwa qal li ma kienx jaf li Alan Desira kien iżid iz-zeros. (fol 104).

Huwa kkonferma li l-firem fuq id-delivery notes kien għamilhom hu. Huwa kien jibdel il-firma apposta. Huwa qal li ma kienx jiftakar kemm kienu fil-bidu l-ammonti ordnati. Żgur li ma kinux eluf. Huwa kkofnerma wkoll li fil-fatt gaħd-delivery note tal-10 t'April 1995 kien irċieva eluf mill-oġġetti hemm indikati.

**Xhieda ta' Gordon Pace**

Gordon Pace xehed fit-13 ta' Frar 2001. Wara li spjega kif kienet issir il-proċedura, huwa qal li kienu marru għandu tleita min-nies (fol 116) fosthom Alan Desira. Huwa mela d-delivery note u imbagħad ħareġ il-cash slae u c-chit. . L-aħħar darba li kienu marru jixtru mill-ħanut fejn kien ix-xhud keinu marru tnejn biss, George Saliba u Renald Baldacchino. Kellhom kwantita' kbira ta' tapes u l-odni kienet ikkonsenjat lilhom mill-ħanut tas-Sliema.

Eventwalment huwa kellu jmur l-Imsida biex iġib air conditioner u min kien qed jieħu ħsibe qallu li filgħodu kellhom tagħbija ġmielha waqt li x-xhud kien qallu li minn Tas-Sliema ftit kienu biegħu. Kien hawn li l-imputat eżamina l-karti. Hemm induna li kien hemm iz-zeros miżjuda. Dawn kellhom l-inka differenti minn dik li kien juża hu. Hemm ivverifika mal-kopja tiegħu ġo tas-Sliema.

Huwa mbagħad kien spjega lil Oliver Galea li huwa (ix-xhud) kien mela delivery note bi kwantita' mod iżda kienu ħarġu items mod ieħor. Galea kien qallu biex iħalals td-diskrepanzi. Meta reġa' mar għandu t-Tnejn huwa qallu li hu (ix-xhud) la kien ħa tapes u lanqas żied iz-zeros. Ix-xhud qal li kien amr għand tal-Labour Office, kienet saret kawża kontra Oliver Galea u x-xhud rebaħha. (fol 120).

Ma kienx minnu li hu kein ammetta ma' Oliver Galea li kien ammetta.

**Kontro-eżami ta' Marco Sultana.**

Huwa qal li huwa am kellux x'jaqsam ma' flus. Jekk xi ħadd imur bid-delivery note, huwa kien jikkonsidra li l-oġġett mixtri hu mħallas.

Rat ukoll in-nota tal-osservazzjonijiet ta' Gordon Pace li fiha hemm riassunt ta' dak li qal George Saliba, kif għandha tiftiehem sentenza fl-istqarrija ta' Renald Baldacchino
Li l-fotkopji jitilfu mill-piż probatorju tagħhom, li x-xhieda a fol 55 hiaj detto del detto, li a fol 117 kien l-istess Gordon Pace li talab lill-istorekeeper sabiex jara l-akrti, li Gordon Pace kien ċaħad li hu kien ammetta ma' Oliver Galea li

kien wettaq xi reat u li kien l-istess Oliver Galea li rrefera lil Alan Desira għalih.

Ikkonsidrat

Li l-Avukat Ġenerali ssottometta li Gordon Pace kellu jinstab ħati. Il-Qorti eżaminat ix-xhieda u d-dokumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha. Gordon Pace la ammetta fl-istqarrija tiegħu mal-Pulizija u lanqas minn fuq il-pedan tax-xhieda li hu kien kompliċi f'din il-biċċa.

Ix-xhieda ta' Renald Baldacchino u ta' George Saliba ma titfax dawl ċar fuq x'għamel Gordon Pace. Il-fatt li Renald Baldacchino 'jaħseb' li Gordon Pace kien bagħathom Alan Desira ma jfissirx li dan jista' jittieħed bħala prova fil-konfront ta' Gordon Pace.

L-istqarrija ta' Alan Desira li fiha jsemmi l-ftehim bejnu u bejn Gordon Pace dwar kif kellu jinqasam il-qligħ ma tistax isservi bħala prova minħabba li l-Kap 9 jipprovdi li stqarrija tiswa biss fil-konfront ta' min jagħmilha u ma tistax tintuża bħala prova fil-konfront ta' persuni oħra.

Jibqa' għalhekk x'qal Gordon Pace lil Oliver Galea. Oliver Galea xehed b'mod eżatt u sinċier tant li qagħad attent li jkun preċiż u jgħid li Gordon Pace ma kienx qallu min iniżżel iz-zeros.

Issa mill-istqarrija ta' Alan Desira jirriżulta li z-zeros kien iżidhom Alan Desira u mhux Gordon Pace.

Allura hemm prova fil-proċess li Gordon Pace kien iħalli l-vojt apposta sabiex tkun tista' tiżdied il-kwantita'? Fid-diskursata li kellu ma' Oliver Galea, Gordon Pace mhux biss qal li huwa kien irranġa ma' Alan, iżda ġab ammont ta' flus Lm1080 lura li Oliver Galea ma aċċettax għax induna li kien hemm ammont ħafna akbar dovut. Oliver Galea ried jirranġa bil-kwiet u ried jiġbor flusu lura iżda meta ra li ma wasalx allura rrikorra għall-Pulizija. Hija sinifikanti li l-firma fuq id-delivery notes hija dejjem ta' Gordon Pace.

Ma jfisser xejn li Gordon Pace rebaħ kawża wara li rrikorra għand il-Labour Office. It-tkeċċija minn impieg m'għandhiex x'taqsam ma' proċeduri kriminali. Il-Qorti temmen lil Oliver Galea u mhux lil Gordon Pace ukoll jekk dan qal li ma kienx ammetta ma' Oliver Gulia li għamel xi reat. Ma jistax ikun hemm dawn il-kumbinazzjonijiet kollha. Mill-ewwel ċempel lil Alan Desira ukoll jekk marru jiġbru l-konsenja tnejn min-nies oħra . U x'mar jagħmel bil-flus jekk hu ma kellu x'jaqsam xejn? U kif qallu 'li dawn kienu spiċċaw'/

Barra dan meta l-Qorti qabblet kif inu miktuba l-Pordouct Description ma' kif inhi miktuba l-kwantita' maljar indunat li l-Product Description turi l-figuri u l-ittri jxaqilbu lejn in-nofs waqt li meta jdihru l-figuri għall-kwantitajiet, dawn huma mwaħħlin mal-ġenb. Bilfors li wieħed jikkonkludi li dan kollu ma sarx b'kapriċċ.

Għalhekk il-Qorti qed issib lil Gordon Pace ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda qed tilliberah mit-teini waħda għax jidher li x-xogħol tal-logħob mal-figuri sar minn ħadd ieħor.

Dwar il-piena ta' Alan Desira, l-Ewwel Onorabbli Qorti mxiet ma' dik li kienet imposta fuq ż-żewġ imputati l-oħra li kienu ammettew, jiġifieri George Saliba u Renald Baldacchino.

Iżda hawnhekk ix-xenarju huwa differenti. L-ewwelnett iż-żewġ imputati l-oħra kienu strumenti fir-reat kollu u mhux il-magna warajh għalkemm il-kompliċi jeħel daqa il-prinċipal. Iżda l-Qorti wiżnet sew min kien qed idaħħal kemxa flus permezz ta' dan ir-reat.

It-tieni d-diiża tissottometti li Alan Desira ma ammettiex mal-ewwel għaliex kien ffaċċjat b'figura ta' Lm16,700 meta skont id-difiża l-ammont kien ferm iżgħar.

Bir-rispett kollu, id-difiża qed tinjora d-dokument OG3 li kien ikkonfermat bil-ġurament mis-sur Oliver Galea. Dan id-dokument juri d-diskrepanzi u l-valur ta' dawn id-diskrepanzi maħduma fuq wholesale price u li jwsslu għall-figura ta' Lm16,700.06. Dan id-dokument ma fih

xejn difettuż anzi integru għall-aħħar. Barra minn hekk ħadd qatt ma kkontesta dan id-dokument maħdum b'tant metikolożita' u skruplożita'. Ammont bħal dan huwa serju u wkoll b'fedian penali pura jkun ħaqqu jkun punit sew.

L-uniku argumenti tad-difiża li l-Qorti qed taċċetta huma dwar id-dewmien li kien hemm sabiex il-każ inqata' għalkemm ħafna drabi kien wieħed mill-avukati tad-difiża li persistentement talab id-differimenti kif ukoll l-argument dwar l-addebitu tar-reċidiva li għalih jirreferi l-Avukat Ġenerali. Dan lanqas biss jidher mal-imputazzjonijiet oriġinali u waqt li jidhru xi reati minuri fil-fedina penali ma jidhirx li s-sentenzi qatt ġew esibiti.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Gordon Pace u Alan Desira' kif ġej: billi (a) tikkonfermaha
fejn sabet lill-imputat Alan Desira ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih u fejn ma sabitx lil Gordon Pace ħati tat-tieni imputazzjoni u qed (b) tirriformaha billi qed tħassar dik il-parti fejn ma sabitx lil Gordon Pace ħati tal-ewwel akkuża u minflok qed issibu ħati ta' l-ewwel akkuża dedotta kontrih u, wara li rat l-artikolu 308 u 28A tal-Kap 9 tikkundannah għal sentejn priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal erba' snin u qed tordna wkoll li fi żmien sitt xhur mil-lum ai termini tal-artikolu 28H għandu jħallas is-somma ta' 19, 539 Euros lid-ditta Cachia and Galea Limited u qed tirriformaha wkoll fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti minflok ma kkundannat lil Alan Desira lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mill-jum tas-sentenza u minflok , wara li rat l-artikoli 17(h), 308 , 183 u 184 tal-Kap 9 bit-tieni imputazzjoni tkun assorbita fl-ewwel imputazzjoni qed tikkundannah għal sentejn priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal erba' snin u ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 għandu jħallas fi

żmien 6 xhur mil-lum is-somma ta’ 19,539 Euros jew somma verjuri
lid-ditta Cachia and Galea Limited. Il-Qorti spjegat liż-żewġ imputati xi jkunu l-konsegwenzi kemm tal-artikolu 28A kif ukoll tal-artikolu 28H tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------